REĠJUN ĊENTRU

---

# MINUTI

## Laqgħa tar-Reġjun Numru 24

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

It-Tlieta 16 ta' Lulju, 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 33, Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku tas-Sliema
Dott. Albert Buttigieg – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Conrad Borg Manché – Sindku Gżira
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sinjura Magraret Baldacchino Cefai – Sindku l-Imsida
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

Qabel ma beda l-punti mniżlin fl-aġenda, is-Sur Fenech Adami xtaq jagħmel kjarifika dwar il-Presidenza tiegħu fir-Reġjun fejn spjega li t-terminu tal-Presidenza tar-Reġjuni kollha tispiċċa fl-2022. Għalkemm wara l-aħħar elezzjoni bħala Kunsilli Lokali ġew maġġoranza Laburista, bħala Kunsilliera għadhom maġġoranza Nazzjonalista u għalhekk dan ir-riżultat ma affettwax l-Presidenza.

## 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija mressqa.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 23 li saret nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

24.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, u sekondati mill-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina.

## 24.3 Komunikazzjoni mill-President

24.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mingħand il-President.

## 24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

24.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet imressqa mill-membri.

## 24.5 Rapporti – *Financial Quarterly Report*

24.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda il-*Financial Quarterly Report* għal perjodu minn Jannar 2019 sa Marzu 2019 fejn dawn kienu meħuda bħala moqrija peress li ż-żewġ dokumenti kienu ntbagħtu qabel permezz ta' emejl.

24.5.2 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun irreġistra *surplus* ta natura rikorrenti ta' kważi €131,266. Ir-Reġjun irċieva allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali ta' €262,000 li kien ikopri perjodu ta' ħames xhur. Madankollu l-ammont pro-rata għall-ewwel tliet xhur ta' din is-sena kien dak ta' €156,938. Hu żied jgħid li wieħed għandu jinnota r-rimborż tas-salarji mingħand il-LESA ta' €39,000.

24.5.3 Il-President informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun ħallas ftit aktar minn €17,000 fuq spejjeż għall-operazzjoni tat-Tribunal filwaqt li l-ispejjeż ta' l-amministrazzjoni ammontaw għal €15,000.

24.5.4 Hu spjega kif dan ir-Reġjun kellu tnaqqis fil-provediment għal bilanċi dubjużi minn LES ta' kważi €5,600 peress li r-Reġjun irċieva xi ħlasijiet li jappartjenu għall-kontravenzjonijiet antiki u li kienu għadhom pendenti. Dan kollu rriżulta f'bilanċ rikorrenti ta' €131,266.

24.5.5 Ir-Reġjun kellu jirċievi madwar €50,000 sal-aħħar ta' Marzu u kellu ftit aktar minn €980,000 bħala flus fil-bank, filwaqt li kellu kontijiet pendenti, inklużi akkumulazzjonijiet u fondi impenjati għal proġetti speċifiċi li ammontaw għal madwar €375,000.

24.5.6 Il-President temm billi qal li dan ir-Reġjun temm l-ewwel kwart tas-sena 2019 bl-ammont ta' €658,977 bħala fondi disponibbli.

24.5.7 Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Joanne Debono Grech, staqsiet jekk kienx hemm xi flus li ser jiġu mqassma lill-Kunsilli Lokali.

24.5.8 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, staqsa li ġaladarba issa hemm allokazzjoni u ftit flus riserva għas-salarji ta' l-impjegati wasal iż-żmien li jitqassmu xi fondi lill-Kunsilli Lokali.

24.5.9 Il-President spjega li fil-laqgħat preċedenti hu kien spjegalhom li dan ir-Reġjun għandu jirċievi lura l-ħlasijiet kollha ta' l-ispejjeż li r-Reġjun għamel mingħand il-Gvern. Bħal President hu kien issuġerixxa li meta dawn jiġu għand ir-Reġjun, dawn il-flus għandhom jitqassmu lill-Kunsilli Lokali. Għal laqgħa li jmiss ser ikun preżenti l-accountant sabiex naraw is-sitwazzjoni finanzjarja u jiġi ppreżentat it-tieni rapport għal nofs is-sena.

24.5.10 ***17:40pm - Is-Sindku tal-Pieta, is-Sur Keith Tanti, wasal għal din il-laqgħa.***

24.5.11 Is-Sur Tanti skuża ruħu li wasal tard u staqsa lill-President jekk jistgħux jitqasmu flus lill-Kunsilli Lokali peress li r-rapport finanzjarju jidher li huwa f'pożizzjoni finanzjarja tajba.

24.5.12 Il-President fakkar lill-membri li l-akkozzjoni li ngħatat mill-Gvern Lokali kienet sa Mejju 2019 u għad m'hemmx direzzjoni mid-DGL dwar kif din is-somma ser tibda tintnefaq.

24.5.13 Is-Sur Tanti talab sabiex l-ammont li hemm jitqassam. Hu talab sabiex jitqassam nofs l-ammont li hemm fil-preżent.

24.5.14 Il-President reġa spjega li l-ammont li hemm fil-kont jinkludi fih l-allokazzjoni kif ukoll il-flus li huma marbutin mal-proġetti li għadhom iridu jsiru. Għal din ir-raġuni fil-laqgħa li jmiss għandu jingħata parir mill-accountant, bħal ma dejjem sar, qabel ma tittieħed deċiżjoni.

24.5.15 Kulħadd kien avżat li l-attendenza ser tkun qed tiġi nnutata u mitluba u ser jittieħdu passi ma dawk li ma jkunux qedin jattendu l-laqgħat jew li jkunu preżenti f'dawk il-laqgħat relatati fuq il-finanzi biss.

## 24.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Sejħa ta' Offerti għal Servizz ta' Prosekuturi***

24.6.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri preżenti dwar e-mejl li dan ir-Reġjun irċieva mingħand is-Sur Svetlick Flores fejn informa lir-Reġjuni li l-LESA ħarġet din is-sejħa nhar l-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2019 u li tingħalaq nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2019. Għal din ir-raġuni l-prosekuturi ta' dan ir-Reġjun ġew infurmati dwar dan immedjatament.

- ***Sejħa ta' Servizz ta' Accountant***

24.6.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, għamel referenza għal din is-sejħa fejn dan ir-Reġjun għandu jagħlaq l-aġġudikazzjoni fil-ġimgħat li ġejjin u jara li jkun hemm *handover* bejn l-accountant ta' dan ir-Reġjun flimkien ma' l-accountant il-ġdid ġaladarba l-*performance audit* huwa konkluż min-naħa tar-Reġjun.

- ***Increment***

23.6.3 Il-President ressaq fuq il-mejda talba sabiex is-Sinjura Roberta Carabott titla minn Notch 3 għal notch 4 fl-iskala 11.

23.6.4 Il-membri preżenti unanimament approvaw din it-talba.

- *Impjegata fir-Reġjun*

24.6.5 Il-President għamel referenza għas-sitwazzjoni ta' l-impjegata li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti u nforma lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex din l-impjegata tkunx tista' tmur taħdem fl-uffiċċju tad-DGL. Madankollu din it-talba ma setatx tiġi milquha peress li l-impjegata hija uffiċċjal tar-Reġjun u mhux tal-Gvern.

23.6.6 Il-President żied jgħid kif is-Segtrearju Eżekuttiv ġiet ippreżentata b'ittra ta' riżenja aktar kmieni dakinhar mingħand l-istess impjegata. Għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lid-DGL bil-miktub u titlob sabiex tinħħreġ sejħa ta' vakanza għal xogħol ta' Klerk Scala 15 u fuq bażi *part-time.*

24.6.7 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Paper Shredder*

24.6.8 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kowtazzjonijiet sabiex tinxtara *paper shredder* u tkun tista' tintuża mill-impjegati tat-Tribunal peress li jkunu stampati karti bl-informazzjoni dwar l-individwi li jkunu ġew imħarka.

24.6.9 Il-membri preżenti unanimament approvaw l-irħas kwotazzjoni.

- *Kompjuter fl-Uffiċċju tat-Tribunal*

24.6.10 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex jinxtara kompjuter ġdid sabiex jintuża mir-Reġistratur fl-uffiċċju tat-Tribunal.

24.6.11 Il-membri preżenti unanimament approvaw l-irħas kwotazzjoni.

- *Kompjuter fl-Uffiċċju tar-Reġjun*

24.6.12 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex jinxtara kompjuter ġdid sabiex jitpoġġa fuq ir-*reception desk* fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

24.6.13 Il-membri preżenti unanimament approvaw l-irħas kwotazzjoni.

- *Il-Faċċata ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun*

24.6.14 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex il-faċċata ta' l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun tkun armata b'dawl sabiex tibda tinxtgħel il-faċċata kull darba li jkun hemm kampanja ta' għarfien bħal għoti ta' demm, Pink October, fost oħrajn.

24.6.15 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, staqsa jekk bħala flus ikunx aħjar jekk dan id-dawl jiġi installat minn kuntrattur kull darba li jkun hemm bżonn u mhux jinxtara.

24.6.16 Il-President spjega li dan l-aħħar dawn l-iizjattivi żdiedu u xorta waħda trid tintnefaq l-ispiża sabiex isir wiring kif suppost peress li fil-preżent dan ma jeżistix.

24.6.18 Il-membri preżenti unanimament approvaw l-irħas kwotazzjoni.

- *Air Condition*

24.6.19 Il-President informa lill-membri preżenti dwar l-air condition li jinstab fl-uffiċċju amministrattiv li kien antic ħafna u kien wasal iż-żmien sabiex dan jinbidel wara li ġie rranġat diversi drabi u qed jaħli ħafna elettriku.

24.6.20 Għal din ir-raġuni, il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet fejn il-membri preżenti unanimament approvaw l-irħas kwotazzjoni.

- *Safety Shoes*

24.6.21 Il-President ressaq it-talba taż-żewġ ħaddiema ta' l-RSSL sabiex ir-Reġjun jiprovdilhom żraben ġodda. Għal din ir-raġuni ġiet preżentata kwotazzjoni sabiex jinxtraw żewġ pari żraben li jiswew €30.81-il wieħed.

24.6.22 Din it-talba ġiet milquha mill-membri u l-kwotazzjoni ġiet approvata unanimament.

- *Surplus LESA*

24.6.23 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju 2019 kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun kienu preżenti għall-laqgħa msejħa mill-AKL dwar il-finanzi mgħotija mill-Aġenzija tas-sistema ta' l-infurzar, LESA, għas-sena bażi 2017.

24.6.24 Hu qal li l-ammont dovut lil dan ir-Reġjun huwa ta' €82,947.16 u għal din ir-raġuni għandhom jitressqu ideat sabiex tiġi ppreparata l-applikazzjoni u tiġi mressqa għall-approvazzjoni fil-laqgħa tar-Reġjun.

24.6.25 Is-Sur Fenech Adami fakkar kif fil-laqgħa preċedenti kienu ġew approvati attivitajiet sportivi fejn l-ewwel avveniment kien sar f'Ġunju 2019 u l-avveniment li jmiss kien ser isir nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju 2019. Hu spjega li l-ispiża ta' l-erbgħa avvenimenti ma kinitx ser taqbeż l-ammont ta' €14,000.

24.6.26 Il-membri preżenti unanimament approvaw dan.

- *Insignia jew sash għall-Presidenti tar-Reġjuni u President tal-ALK*

24.6.27 Il-President ressaq fuq il-mejda emejl mingħand id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, fejn talab lil kull Reġjun jissottometti l-preferenza tiegħu. Is-Sur Attard informa lir-Reġjuni li, skond il-kwotazzjonjiet li ġabu d-Dipartiment, l-insigna ser tkun tiswa €800 u li din ser tkun spiża tar-Reġjun. Il-President żied jgħid li hu għażel l-insignia pero d-Dipartiment għandu jieħu deċiżjoni skond il-maġġoranza.

- *Kunsill Lokali Birkirkara*

24.6.28 Il-President ressaq fuq il-mejda emejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv ta' Birkirkara fejn informa lil dan ir-Reġjun li l-Kunsill Lokali jixtieq iwaqqa l-proġett taċ-ċentru innovattiv fi Ġnien Stazzjon minħabba li mhux ser ikun hemm biżżejjed fondi allokati meta kkumparat ma' l-ispejjez li fih il-bini. Madankollu hu nforma lil dan ir-Reġjun li l-korsijiet xorta waħda ser jitkomplu mal-kumpanija Creolabs.

24.6.29 Peress li l-ammont huwa wieħed sostanzjali ta' €67,000, il-President issuġġerixxa li għandha tissejjaħ laqgħa urġenti mad-Direttur ta' l-istrateġiji u l-impliemntazzjoni, mas-Sinjura Marisa Pisani, sabiex naraw x'jista' jsir sabiex dawn il-fondi ma jintilfux.

24.6.30 Il-membri unanimament qablu dwar dan.

- *GDPR Review Report*

24.6.31 Il-President ippreżenta dan ir-rapport lill-membri preżenti li fih jiġbor r-rimarki dwar il-kisbiet li saru kif ukoll pjan ta' ħidma għax-xhur li ġejjin sabiex tkun tista' tinkiseb livell ta' konformita f'dan ir-rigward.

24.6.32 Dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu.

- *L-Allokazzjoni tar-Reġjuni*

24.6.33 Il-President spjega kif fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun il-membri preżenti kienu qablu li d-DGL għandu jgħati linji gwida dwar kif għandha tibda tintuża l-allokazzjoni mgħotija lir-Reġjuni filwaqt li fakkar lill-membri ġodda li din kienet l-ewwel allokazzjoni li r-Reġjuni ħadu mingħand il-Gvern għall-perjodu minn Jannar 2019 sa Mejju 2019. Għal din ir-raġuni, is-Sinjura Galea talbet sabiex issir laqgħa mad-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, mas-Sur Christopher Galea.

24.6.34 Il-President żied jgħid li s-Sur Galea spjega li ser isiru sensiela ta' laqgħat mar-Reġjuni sabiex jiġu diskussi diversi temi flimkien mal-istakeholders kollha.

- *Website għar-Reġjun*

24.6.35 Il-President qal li kien wasal iż-żmien li dan ir-Reġjun ikollu website uffiċċjali fejn tkun aġġornata kontinwatment. Għal din ir-raġuni qed jinġabru kwotazzjonijiet biex jiġu ppreżentati fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

24.6.36 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 24.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

24.7.1 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 22A u 22B.

## 24.8 Mozzjonijiet

24.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 24.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.9.1 Il-President issuġġerixxa sabiex kull rappreżentant jibda jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, lis-Sinjura Galea, bid-data tal-laqgħa tal-Kunsill sabiex b'hekk naċċertaw li l-laqgħa tar-Reġjun ma taħbatx mal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali.

24.9.2 Il-laqgħa intemmet fis-6:15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 9 ta' Awwissu, 2019 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 9 ta' Awwissu, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |